Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Novembru 2019**
**(OR. en)**

**13687/19**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0249(NLE)**

**AVIATION 210**
**RELEX 986**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Ottubru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 577 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Chicago") |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 577 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2019) 577 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2019
COM(2019) 577 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Chicago")**

## ANNESS

**Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Chicago")**

**Prinċipji ġenerali**

Fi ħdan il-qafas tal-attivitajiet tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-iżvilupp ta' Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs), l-Istati Membri li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, għandhom:

(a) jaġixxu f'konformità mal-objettivi segwiti mill-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-politika tas-sigurtà tal-avjazzjoni, b'mod partikolari sabiex jipproteġu lill-persuni u lill-merkanzija fl-Unjoni Ewropea, u biex jipprevjenu interferenzi mhux skont il-liġi mal-inġenji tal-ajru ċivili li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

(b) japplikaw u jinfurzaw regoli komuni stabbiliti biex jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili minn interferenzi mhux skont il-liġi li jikkontribwixxu biex iżidu l-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni globalment.

(c) ikomplu jappoġġaw l-iżvilupp mill-ICAO ta' standards ta' sigurtà li jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili kontra interferenzi mhux skont il-liġi, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2309 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tat-22 ta' Settembru 2016[1].

**Il-pożizzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17)** L-Istati Membri, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, għandhom jappoġġaw l-Emenda 17 tal-Anness 17 proposta.

[1] Ir-Riżoluzzjoni 2309 (2016) adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fis-7775 laqgħa tiegħu, fit-22 ta' Settembru 2016: Theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kkawżat minn atti terroristiċi: Sigurtà tal-avjazzjoni.